# Mons. Grech: “Hemm bżonn inxandru l-Vanġelu tal-Familja”

Il-president tal-Konferenza Episkopali Maltija jitkellem fuq xi aspetti li ħarġu waqt is-Sinodu u jisħaq fuq l-importanza tal-ħidma pastorali mal-familji

Fi tmiem is-Sinodu li ħa sehem fih, Mons. Mario Grech reġa’ lura Għawdex, fejn huwa l-isqof tad-Djoċesi u għandu wkoll il-kariga ta’ president tal-Konferenza Episkopali Maltija. F’dawn l-aħħar snin bħala Isqof ta’ din il-gżira, hu diġà ħadem fuq ċerti aspetti li semma s-Sinodu, speċjalment biex tiġi żviluppata pastorali tal-familja “mitluba minn soċjetà li kontinwament tinbidel”. Huwa “żvilupp kontinwu” li jitlob lill-Knisja – kif jistqarr Mons. Grech innifsu – “approfondiment kbir”, l-aktar matul din is-sena li tmexxina lejn is-Sinodu li jmiss. Fl-intervista ma’ ZENIT, l-Isqof jagħti l-ewwel ħjiel ta’ dan l-approfondiment meħtieġ.

***

**Eċċellenza, tliet punti mir-*Relatio Synodi* ma ġabux il-maġġoranza assoluta. Dan ifisser li baqgħu delużi dawk li kienu qed jistennew “ftuħ” min-naħa tal-Knisja fuq ċerti temi li l-mezzi tax-xandir spiss saħqu fuqhom matul dawn l-aħħar xhur?**

Tajjeb niftakru li s-Sinodu kellu bħala suġġett “L-isfidi pastorali tal-familja fil-kuntest tal-evanġelizzazzjoni”, li jinkludi ħafna aktar aspetti minbarra dawk dwar is-sitwazzjoni tad-divorzjati li jinsabu fit-tieni relazzjoni (*divorced remarried)* u tal-persuni omosesswali, anki jekk dawn huma wkoll importanti. Per eżempju, jiddispjaċini li ma kienx possibli napprofondixxu biżżejjed suġġetti importanti ħafna marbuta mal-familja, bħalma hija r-rabta bejn il-familja, is-sistema ekonomiku u d-dinja tax-xogħol, jew inkella r-rabta li hemm bejn il-familja u l-edukazzjoni. Fuq it-tliet punti li ssemmi int, tajjeb ngħidu li għalkemm dawn ma ġabux maġġoranza kwalitattiva, xorta kisbu maġġoranza relattiva. Għadu kmieni wisq biex nitkellmu dwar delużjonijiet, anki minħabba l-fatt li r-*Relatio Synodi*, li fiha jinsabu dawn it-tliet punti, hija l-*Lineamenta* għas-Sinodu li jmiss fl-2015. Ninsabu fi żmien ta’ approfondiment.

**Benedittu XVI kien saħaq li fil-każ tal-Konċilju Vatikan II, kien hemm Konċilju “tal-media” u ieħor tal-Isqfijiet. Il-Papa emeritu attwali kien qal li “l-Konċilju li wasal b’mod immedjat u effettiv lin-nies, kien dak tal-media u mhux dak tal-Isqfijiet”. Taħseb li fis-Sinodu li għadu kemm intemm ġara hekk ukoll?**

Dak li ġara ħamsin sena ilu ma setax ma jiġrix illum meta ninsabu fl-epoka diġitali tas-*social network*. Ma rridux nissorprendu ruħna jekk xi mezzi tax-xandir taw lettura parzjali tas-Sinodu. Minflok, hemm bżonn li l-Knisja titgħallem dejjem aktar kif tuża’ aħjar il-mezzi ta’ komunikazzjoni biex twassal il-messaġġ tagħha. Mill-banda l-oħra, irridu nirrikonoxxu li kien hemm ġurnalisti li għamlu xogħol tajjeb u għenu sabiex kulħadd seta’ jissieħeb f’din “il-mixja flimkien” li kienu qegħdin jagħmlu l-Isqfijiet ġejjin mid-dinja kollha. Minn dan l-aspett is-*social media* taw kontribut posittiv għad-dibattitu sinodali. Ma rridux nibżgħu mid-dibattitu, anzi dan jgħinna sabiex niċċaraw il-pożizzjonijiet tagħna. Illum ir-riflessjoni teoloġika għandha bżonn tiddjaloga max-xjenzi l-oħrajn,

kif ukoll trid tqis il-ħajja konkreta. Fl-aħħarnett, inżid kontribut ieħor li l-media taw f'dan is-Sinodu: huwa taw il-possibilità lil-lajċi biex jinteressaw ruħhom u jakkumpanjaw lill-Padri Sinodali matul dawn il-ġimgħatejn anki pemezz tal-kontributi (input) tagħhom. Nemmen li din it-tip ta' parteċipazzjoni hija valur miżjud.

**Is-Sinodu tkellem ukoll fuq l-ideoloġija tal-*gender*. Jekk din l-ideoloġija tinfirex, b'liema mod tista' thedded 'il-familja u x'miżuri għandhom jittieħdu biex jiqfulha?**

Matul is-Sinodu fl-ebda mument aħna l-Isqfijiet ma poġġejna fid-dubju t-tagħlim (duttrina) tal-Knisja dwar l-indissolubilità taż-żwieġ bejn raġel u mara, dwar  il-kwalità unittiva u d-dimensjoni prokreattiva tal-imħabba konjugali, fi kliem ieħor dwar il-*bonum coniugum*. Quddiem l-ideoloġija tal-*gender*, u quddiem kull ideoloġija oħra, il-Knisja twieġeb bil-fedeltà tagħha lejn il-verità tal-bniedem skont l-ordni tal-ħolqien u skont l-ordni tal-fidwa. Minflok ma tħalli lilha nnifisha tiġi nfluwenzata mill-ideoloġiji, il-Knisja tissokta fil-missjoni tagħna li tipproponi l-verità tal-persuna umana u s-sbuħija tal-kumplimentarjeta' tas-sessi. Il-Knisja, li hija "dar paterna", tibqa' dejjem miftuħa biex takkumpanja lejn il-Verità li teħles lill-persuni kollha mingħajr ebda diskriminazzjoni.

**Liema huma l-istrumenti li rridu nħaddmu sabiex il-familja tibqa' "attractive" fl-għajnejn taż-żgħażagħ tad-dinja tallum?**

Fil-ministeru tiegħi niltaqa' ma' ħafna persuni, speċjalment żgħażagħ, li jbatu mis-solitudni u, minkejja li huma mdawra b'ħafna ħbiberiji, għandhom għatx kbir għall-imħabba awtentika. Kultura li xxandar il-"kollox-issa", li tipproduċi "bżonnijiet" skont l-eżiġenti tas-suq, li tħares b'suspett lejn dak li jibqa' "għal dejjem" u tippreferi l-proviżorju, li twiegħed il-pjaċir b'detriment għall-ferħ veru, li tibanalizza s-sesswalità, flimkien ma' sitwazzjoni ta' kriżi ekonomika u ta' prekarjetà, qed iwasslu ħafna żgħażagħ biex jaraw l-imħabba vera bħala ideal sabiħ imma li ma jistax jintlaħaq. F'din is-sitwazzjoni, hemm bżonn li l-familja Nisranija ssir kulma jmur – bħalma ntqal fis-Sinodu – mhux biss oġġett imma "suġġett" tal-evanġelizzazzjoni billi liż-żgħażagħ tagħtihom xhieda tas-sbuħija tal-imħabba li tingħata, li tkun lesta għas-sagrifiċċju għall-ġid tal-ieħor, li tikber kuljum u timmatura fost it-tiġrib u l-provi tal-ħajja. Imħabba bħal din tiġbed, għaliex turi l-Imħabba Sabiħa li huwa Kristu, ix-xenqa ta' qalb kull bniedem.

**Rigward il-ministeru tiegħek f'Għawedex, tgħidilna b'liema mod taħdem il-pastorali tal-familja fid-Djoċesi tiegħek?**

F'ottika ta' konverżjoni pastorali mitluba minn soċjetà li kontinwament qed tinbidel, f'dawn l-aħħar snin fid-djoċesi tiegħi l-pastorali tal-familji ġiet ristrutturata biex tkun aktar effettiva ħalli takkumpanja lill-għarajjes u lill-familji ta' żmienna. Fis-Sinodu spiss tkellimna fuq l-importanza li nipproponu mixja pastorali li tgħin lill-koppji qabel u wara ż-żwieġ. F'Għawdex nipproponu mixja ta' tħejjija għaż-żwieġ li ttul sentejn. Matulhom saċerdot flimkien ma' koppji miżżewġa jakkumpanjaw lill-għarajjes sabiex l-imħabba ta' bejniethom timmatura umanament u spiritwalment u jħejju ruħhom għas-sagrament taż-Żwieġ. Hemm ukoll proposta ta' akkumpanjament kateketiku

lill-miżżewġin żgħażagħ, speċjalment matul l-ewwel ħames snin ta' ħajja miżżewġa, li jgħinhom jibnu l-ħajja miżżewġa tagħhom fuq il-Vanġelu. Il-Kummissjoni Djoċesana Familja toffri wkoll mixjiet ta' fidi għal dawk li jikkoabitaw, għas-separati u għad-*divorced remarried*. Minbarra dan, ftaħna Konsultorju li joffri għajnuna speċjalizzata lil dawk il-koppji li jkun għaddejjin minn mumenti diffiċli. B'dan il-mod il-Knisja f'Għawdex tipprova twassal lill-familji kollha tagħna Bxara Tajba: il-ferħ tal-Vanġelu tal-Familja.